Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,382, 3 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 135 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar is-Sospensjoni ta' Termini Legali relatati ma' Atti dwar it-Taxxa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni huwa Ordni tal-2020 dwar is-Sospensjoni ta' Termini Legali relatati ma' Atti dwar it-Taxxa.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

Kap. 123. Kap. 364. Kap. 372. Kap. 406.

"Att dwar it-taxxa" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

"dipartiment tat-taxxa" tfisser xi dipartiment jew uffiċċju li jaqa' taħt ir-responsabbiltajiet tal-Kummissarju tat-Taxxi għall-amministrazzjoni ta' xi Att dwar it-taxxa;

"ordni ta' għeluq" tfisser ordni maħruġ skont is-subartikolu (1) tal-artikolu 4;

"perjodu tal-għeluq" tfisser il-perjodu li jibda fil-jum li fih jidħol fis-seħħ ordni ta' għeluq u li jispiċċa fil-jum li fih ordni li jirrevokah jiġi ppubblikat;

Kap. 465.

"Suprintendent tas-Saħħa Pubblika" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar is-Saħħa Pubblika;

"taxxa" tfisser kull taxxa li għandha titħallas skont xi Att dwar it-taxxa.

Sospensjoni ta' termini legali mid-data li jidħol fis-seħħ dan l-ordni.

3. (1) Kull terminu legali msemmi fis-subartikolu (2) għandu jiġi sospiż b'effett mid-data li fiha dan l-ordni jidħol fis-seħħ.

(2) Dan l-artikolu japplika għat-termini legali kollha, inklużi perjodi ta' preskrizzjoni u perjodi perentorji imposti taħt kull Att dwar it-taxxa jew taħt xi liġi oħra biex -

(a) issir xi stima, talba għall-ħlas, talba għal informazzjoni, deċiżjoni jew ordni mill-Kummissarju tat-Taxxi u jinħareġ jew jiġi notifikat avviż dwarhom;

(b) isir il-ħlas mill-Kummissarju tat-Taxxi ta' xi rifużjoni tat-taxxa;

(ċ) tiġi istitwita, tiġi esegwita jew titkompla xi azzjoni ġudizzjarja għall-ġbir ta' taxxa, taxxa addizzjonali, penali amministrattiva jew imgħax, jew għall-prosekuzzjoni jew talba għall-prosekuzzjoni ta' xi offiża kriminali.

(3) Is-sospensjoni ta' termini legali taħt dan l-artikolu għandha tibqa' fis-seħħ sa dik id-data li tista' tiġi ordnata permezz ta' ordni ieħor magħmul mis-Suprintendent taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika.

Kap. 465.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, is-sospensjoni ta' termini legali taħt dan l-atikolu għandha tfisser illi:

(a) kull terminu legali li japplika għalih dan l-artikolu li beda jiddekorri qabel ma s-sospensjoni tkun bdiet fis-seħħ imma li ma jkunx skada qabel dik id-data għandu jiġi sospiż u għandu jerġa' jkompli jiddekorri għaż-żmien li jkun baqa' f'dik id-data mid-data li fiha s-sospensjoni ma tibqax fis-seħħ;

(b) kull terminu legali li japplika għalih dan l-artikolu li, kieku mhux għal dan l-ordni, kien jibda jiddekorri waqt li s-sospensjoni tkun fis-seħħ għandu jibda jiddekorri mid-data li dik is-sospensjoni ma tibqax fis-seħħ.

Sospensjoni ta' termini legali b'konsegwenza ta' ordni ta' għeluq.

4. (1) Meta s-Suprintendent tordna l-għeluq ta' xi dipartiment tat-taxxa għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, kull terminu legali msemmi fis-subartikolu (2) li jkun jiskadi, kieku mhux għal dan l-ordni, matul il-perjodu tal-għeluq jew matul il-perjodu ta' tmienja u għoxrin (28) jum wara l-perjodu tal-għeluq għandu jiġi sospiż.

(2) Dan l-artikolu japplika għal termini legali imposti taħt xi Att dwar it-taxxa biex -

(a) jingħata, jintbagħat, jiġi preżentat jew jiġi sottomess lill-Kummissarju tat-Taxxi xi prospett, formola, talba. oġġezzjoni, appell, avviż jew informazzjoni;

(b) titħallas jew tintbagħat lill-Kummissarju tat-Taxxi xi taxxa dovuta jew miġbura minn kwalunkwe persuna:

Iżda dan l-artikolu ma għandux japplika għal u ma għandux jissospendi xi terminu legali impost taħt xi Att dwar it-taxxa għas-sottomissjoni ta' xi prospett, formola, talba jew avviż jew biex isir xi ħas li skont dak l-Att huwa meħtieġ li jiġi sottomess jew isir permezz ta' mezzi elettroniċi.

(3) Is-sospensjoni ta' terminu legali kif provdut f'dan l-artikolu għandha tfisser li, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-taxxa rilevanti jew ta' xi liġi oħra, dak it-terminu għandu jitqies li jiskadi fit-tmienja u għoxrin (28) jum wara l-perjodu tal-għeluq.